MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 356/2008/1

**Appell Numru: 356/2008**

**PAOLO SOLDI (ID 0033143A)**

**Vs**

**PAUL MICALLEF (ID 529160M)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors promotur ipprezentat fit-23 ta' Ottubru 2008 fejn ir-rikorrent talab lil dina l-Qorti tordna lill-intimat ihallsu is-somma ta' sitt t'elef, mitejn u disgha*

*u tmenin euro u wiehed u tletin centezmu (€6,289.31) rapprezentanti, kwantu ghal hames t'elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43), bhala cheque mahrug lil Paul Micallef fil-valur ta' dak iz-zmien ta' elfejn u hames mitt Liri Maltin (€2,500) ghal dghajsa illi r-rikorrent kien xtara minghand l-intimat, dghajsa bin-numru S 14607, liema bejgh izda ma giex konkluz ghax l-intimat reggha lura mid-decizjoni illi jbieghha lir-rikorrent, u kwantu ghal erbgha mija u hamsa u sittin euro u tmienja u tmenin centezmu (€465.88) rapprezentanti manutenzjoni illi r-rikorrent ghamel fuq id-dghajsa meta kienet ghandu.*

*Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentata fil-15 ta' Dicembru 2008 fejn l-intimat sahaq illi dak mitlub mir-rikorrent ma kienx minnu peress illi r-rikorrent ma ghadda ebda flejjes lill-intimat u, in fatti, reggha radd lura d-dghajsa illi kien xtara minghand l-intimat, u ghalhekk ikkontenda wkoll illi ma setax jinstab responsabbli ghad-danni reklamati, anke in vista tal- fatt illi kien ir-rikorrent illi ghamel uzu mid-dghajsa ghal zmien minghajr m'ghamel ebda hlas.*

*Rat ix-xhieda ta' Paolo Soldi moghtija fl-24 ta' Marzu 2008 kif ukoll ic-cheque meritu principali tal-kawza odjerna ippresenta fl-1 ta' April 2008 mill-istess rikorrenti.*

*Rat ix-xhieda ta' Etienne Borg Bellanti, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-16 ta' Gunju 2009.*

*Rat ix-xhieda ta' Mark Anthony Sammut, rapprezentant tal-APS Bank, illi xehed dwar ic-cheque meritu principali tal-kawza odjerna fit-18 ta' Novembru 2009.*

*Rat ix-xhieda ta' Alexander Mizzi, rapprezentant tal-Malta Transport Authority, illi xehed fit-23 ta' Frar 2010.*

*Rat ix-xhieda ta' Andrew Pace, prodott mill-attur, moghtija fl-14 ta' April 2010, wara liema xhieda ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jipproduci.*

*Rat il-kontro ezami ta' Paolo Soldi illi saret fil-25 ta' Jannar 2011.*

*Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa, stazzjonat fit-Taqsima kontra r-Reati Ekonomici, prodott mill-intimat u moghtija fl-14 ta' Dicembru 2011.*

*Semghet ix-xhieda tal-intimat Paul Micallef moghtija fil-25 ta' Mejju 2012 kif ukoll il-kontro ezami tieghu illi sar fit-22 ta' Frar 2013.*

*Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fil-25 ta' Marzu 2013, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.*

*Ikkunsidrat*

*Illi mill-assjem tal-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, jirrizulta mhux ikkontestat illi l-partijiet kellhom relazzjoni kummercjali bejniethom, u dana fis-sens illi r-rikorrent kien jimporta gewwa Malta tramite kumpannija lokali tieghu Panam Limited laham iffrizat u kien izomm tali laham fi storage ta' kumpannija illi l-intimat kellu ma' hutu, jigifieri FFF Services Limited, kif ukoll kien ibieghlhom il-laham direttament.*

*Illi, jirrizulta illi, ghalkemm kellhom relazzjoni tajba bejniethom fil-bidu, ir-relazzjoni kummercjali ta' bejn il-partijiet susssegwentement thassret minhabba problemi bejniethom u wasslithom sabiex isiru diversi kawzi bejniethom, fosthom il-kawza odjerna.*

*Illi, ir-rikorrent, skond dak illi sahaq tul dawna il-proceduri, stqarr li huwa kien xtaq jixtri dghajsa u kien jaf illi l-intimat kellu dghajsa illi xtaq ibiegh. Kien ghalhekk illi, skond ir-rikorrent, huma ftiehmu li l-prezz tad-dghajsa, li kien ta' erba' t'elef u hames mitt Liri Maltin (£4,500), jithallas billi jitnaqqas parti minnu minn dak dovut lill-intimat mir-rikorrent, filwaqt illi l-bilanc, li kien ta' elfejn u hames mitt Liri Maltin jithallas permezz ta' cheque.*

*Illi l-intimat, da parte tieghu, filwaqt illi jaqbel illi r-rikorrent kien interessat jixtri id-dghajsa tieghu, jishaq illi attwalment, il-ftehim kien illi, la darba kellhom relazzjoni kummercjali tajba bejniethom, r-rikorrent seta jiehu d-dghajsa imbghad ihallsu wara xahar.*

*Illi z-zewg partijiet jaqblu illi, f'mument minnhom, id-dghajsa ittiehdet mir-rikorrent u beda jaghmel uzu minnha. Ma hemmx qbil, madanakollu, dwar kif tali dghajsa inghata lura lill-intimat.*

*Infatti, skond ir-rikorrent, l-intimat kien avvicinah u qallu li l-mara tieghu ma kienetx kuntenta li nbieghet id-dghajsa ghax id-dejn li gie pacjut bil-bejgh kien tal-kumpannija u mhux tal-intimat personalment. In kontro ezami, izda, r-rikorrent kompla jghid illi, mument minnhom, huwa gie kkuntattjat minn xi hadd fl-ufficju tal-intimat illi qallu li jekk ma setax ihallas ghal bilanc tad-dghajsa, setghu jaghmlulu kambjalijiet, ghal liema fatt ir-rikorrent irrisponda illi huwa kien qed jaghmillhom favur meta ha id-dghajsa u talabahom biex jiehdu lura id-dghajsa u jaghtuh lura c-cheque illi kien ta lill-intimat. Huwa*

*stqarr ukoll illi kien hallas il-kera ta' xahar ghas-servizzi tal-pontoon fejn id-dghajsa kienet sorguta u dana kellu jintraddlu lura wkoll.*

*L-intimat, da parte tieghu, jikkontendi illi dak li qieghed jallega r-rikorrent ma huwa minnu assolutament xejn, peress illi huwa jikkontendi li, wara li ra li r-rikrorent kien beda jaghmel uzu mid-dghajsa u kien ghadu ma hallsux il-bilanc, huwa kien avvicinah dwar il-pagament li kien ghadu pendenti, u wara illi l-intimat ra illi r-rikorrent kellu problemi finanzjarji, tant illi lanqas ma kien qed ihallas lis-socjeta FFF Services Limited, huwa qallu biex iroddlu lura d-dghajsa, liema dghajsa infatti tahiehlu lura r-rikorrent u l-intimat qabel illi ma jinsistix ghal pagament tal-kera ta' xahar ghas-servizz tal-pontoon.*

*Ikkunsidrat*

*Tenut kont ta' dana il-konflitt manifest bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-Qorti jkollha thares lejn xhieda u dokumentazzjoni ohra pprovduta mill-partijiet sabiex jintefa aktar dawl fuq dak li attwalment sehh.*

*Ir-rikorrent ipproduca lill Etienne Borg Ferranti u lill Andrew Pace, bhala persuni illi kien jaf hu, sabiex jixhdu dwar dak li jafu. Etienne Borg Ferranti ma kien jaf assolutament xejn u kien totalment inutili ghal proceduri odjerni filwaqt illi Andrew Pace ikkonferma illi r-rikorrent kien ried jixtri id-dghajsa minghand l-intimat u kien beda jaghmel uzu minn tali dghajsa izda ma kien jaf xejn dwar dak illi ftiehmu l-partijiet fuq kif kellu jithallas il-prezz tad-dghajsa ghalkemm jaf illi tkellmu bejniethom.*

*Ir-rikorrent ipproduca ukoll lill-rappresentant tal-APS Bank, illi kkonferma illi c-cheque fl-ammont ta' Lm2,500 mahrug minn kont illi s-socjeta Panam Limited kellha ma' l-istess bank, kien ihareg fil-31 ta' Mejju 2006 u issarraf mill-intimat fit-8 ta' Lulju 2006. Xhud iehor illi pproduca r-rikorrent kien rapprenesentant tal-Malta Transport Authority illi kkonferma illi d-dghajsa S 14607 giet registrata fuq isem l-intimat fis-26 ta' Gunju 2001 u baqghet hekk irregistrata sas-16 ta' Jannar 2009 meta inbieghet lill terza persuna. Dana ix-xhud ikkonferma illi qatt ma sar xi trasferiment f'isem ir-rikorrent.*

*Ikkunsidrat*

*Illi x-xhieda kollha li pproduca r-rikorrent ma setghu b'ebda mod jitfghu dawl fuq kif attwalment sar il-ftehim allegat bejn ir-rikorrent u l-intimat, u ghalhekk, il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq l-uniku prova ohra illi hemm illi jista b'xi mod jitfa dawl fuq dak li attwalment gara - ic-cheque mahrug fil-31 ta' Mejju 2006.*

*Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma tinnutax illi c-cheque illi tieghu r-rikorrent qieghed jitlob ir-rifuzjoni, qatt ma inhareg mir-rikorrent personalment, izda inhareg minn kumpannija li, allegatament, hija tieghu, ossija Panam Limited illi ghanda l-indirizz tal-ufficju taghha gewwa 67, Manoel Dimech Street, Sliema. Tali kumpannija ma hijex parti fil-proceduri odjerni.*

*Mill-provi prodotti, jirrizulta illi bejn il-partijiet, kien hemm relazzjoni kummercjali tajba meta ix-xoghol kien tajjeb, u kien jsiru pagamenti regolari bejniethom. Il-kummerc kien isir bejn il-kumpannija tar-rikorrent Panam Limited, u il-kumpannija tal-ahwa tal-intimat, FFF Services Limtied.*

*Fil-kaz odjern, jidher ili c-cheque inhareg mis-socjeta Panam Limited u mhux mir-rikorrent personalment, u ghalhekk, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi tali pagament kien wiehed minn dawk li kienu jsiru tul in-negozju illi kellhom bejniethom il-partijiet u mhux, kif qieghed jallega r-rikorrent, bhala parti minn negozjati illi allegatament saru bejn il-partijiet dwar il-bejgh tad-dghajsa. Il-Qorti tinnota ukoll illi hemm differenza bejn il-kitba tal-import tac-cheque u il-kitba lill min huwa pagabbli c-cheque.*

*Ghalhekk, abbazi ta' dana ic-cheque kif mahrug u minn min, kif ukoll tax-xhieda prodotta, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi l-verzjoni moghtija mill-intimat hija aktar attendibbli minn dik tar-rikorrent.*

*Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi r-rikorrent ma ghandu ebda dritt ill jitob ghar-rifuzjoni tal-import tac-cheque ta' Lm2,500, peress illi, kif jirrizulta mic-cheque inniffsu, dana inhareg mis-socjeta Panam Limited u mhux mir-rikorrent, u semmai kellha tkun is-socjeta Panam Limited illi titlob ir-rifuzjoni ta' tali ammont u mhux ir-rikorrent.*

*Fl-ahhar nett, jigi rilevat ukoll illi, ghalkemm ir-rikorrent talab ukoll rifuzjoni ta' pagamenti maghmulha minnu gha kiri tal-pontoon fejn kienet id-dghajsa, huwa ma ressaq ebda provi ta' pagament u l-intimat sahaq illi huwa ma inisistiex li r-rikorrent ihallsu ta' tali xahar kera, fatt ill juri illi attwalment kien l-intimat li, finalment, hallas il-kera, u mhux ir-rikorrent.*

*Konkluzjoni*

*Il-Qorti;*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti u d-dokumentazzjoni esebita*

*Wara illi semghet ix-xhieda quddiema prodotta*

*Taqta u tiddeciedi billi*

*Tilqa l-eccezzjonjiet kollha ta' l-intimat u ghalhekk*

*Tichad it-talbiet attrici kif dedotti*

*Spejjez tal-proceduri kollha ikunu a kariku tar-rikorrent."*

Bl-appell minnu introdott l-attur Paolo Soldi qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata b'aggravvju wiehed li jikkoncerna l-apprezzament zbaljat maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi mismugha quddiemha u il-piz moghti lic-cekk mahrug mis-socjeta Panam Limited favur l-intimat appellat bhal pagament ghal negozju kummercjali li kien gie intrapriz bejn il-kontendenti u mhux bhala hlas maghmul mill-appellanti ghad-dghajsa mibjugha lilu. Illi fil-fehma tieghu din kienet konsiderazzjoni zbaljata billi l-appellanti u is-socjeta gestita minnu qatt ma kienet debitrici lejn l-appellat u is-socjeta gestita minn dan ta'l-ahhar u kwindi ma seta' sar l-ebda hlas ghal xi kreditu pretiz. Ta' dan hemm konferma f'zewg sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili bejn il-partijiet u is-socjetajiet kummercjali rapprezentati minnhom. Illi ghalhekk il-hlas li sar permezz tac-cekk fl-ammont ta' Lm2500 mahrug mis-socjeta Panam Limited favur l-appellat seta' isir biss in konsiderazzjoni tal-prezz tad-dghajsa mibjugha mill-istess appellat favur l-appellanti. Fuq kollox l-appellanti naqas milli iressaq xi prova dokumentali konsistenti fil-kotba tal-kumpanija jew xi *invoices* li juru illi l-hlas kien marbut ma' xi negozju ta' natura kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet, kif kien qieghed jallega. Illi finalment l-Ewwel Qorti ma kellhiex taghti importanza lil fatt illi l-hlas kien sar mis-socjeta Panam Limited u mhux mill-appellanti billi dan kien hlas maghmul minn terz ghan-nom tieghu u kwindi l-appellanti kellu kull dritt jitlob ir-rifuzjoni ta' tali hlas gjaldarba huwa kien ikkonsenja lura id-dghajsa lill-appellat u allura il-bejgh ma kienx gie konkluz.

Illi minn ezami tal-aggravvji imressqa ‘il quddiem mill-appellanti jirrizulta illi dawn huma imsejsa fuq l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex tishaq illi l-Ewwel Qorti erronjament strahet fuq il-prova maghmula minnha tac-cekk fl-ammont ta’ Lm2500 imhallsa mis-socjeta Panam Limited gestita mill-appellanti favur l-appellat meta sahhqet illi dan kien jirrapprezenta hlas maghmul in konnessjoni man-negozju ta’ natura kummercjali intrapriz bejn il-partijiet u ma kienx jirrifletti pagament li allegatament sar mill-appellanti favur l-appellat ghad-dghajsa li kienet giet mibjugha u ikkonsenjata lilu, izda li l-appellat ha lura fil-pussess tieghu u wara dan sarraf ic-cekk in kwistjoni.

Illi l-Ewwel Qorti sabitha difficli tasal ghal konkluzjoni jekk il-pagament li sar fl-ammont ta’ Lm2500 permezz atc-cekk esebiet bhala Dokument PS1 kienx jirrapprezenta d-depozitu imhallas mill-appellanti ghad-dghjasa o meno u dan in vista tad-diversi pendenzi li irrizulta li kien hemm bejn il-partijiet tant illi kienu gew istitwiti diversi proceduri gudizzjarji quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili bejniethom in konnessjoni ma’l-istess. Illi fil-fatt l-appellanti jaghmel referenza ghal dawn id-decizjonijiet fl-impunjattiva tieghu ghas-sentenza appellata u jishaq illi f’dawn id-decizjonijiet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili[1] kienet wasslet ghal konkluzjoni illi kien l-appellanti u is-socjeta minnu immexxija li kienu kredituri fil-konfornt ta’l-appellat u is-socjeta minnu gestita u mhux vice-versa u kwindi l-hlas li sar lill-appellat f’ismu personali ma setax hlief jirrapprezenta d-depozitu ghad-dghajsa u xejn izjed. Illi l-Qorti fliet dawn iz-zewg decizjonijiet fejn fost affarijiet ohra gie allegat mill-appellat illi l-hlas ta’ Lm2500 kien jirrapprezenta parti mill-hlas dovut in konnessjoni ma’ xi self maghmul u mhux ghal hlas tad- dghajsa. Dik il-Qorti hekk ikkonkludiet:

[1] Paul Micallef pro. et. noe vs Paolo Soldi pro.et.noe u Panam Limited vs FFF Services Limited (PA) it-tnejn decizi fid-29/02/2012

**"din il-Qorti thoss li bejn il-partijiet kien hemm biss relazzjoni ta' bejgh fejn is-socjeta' attrici bieghet lis-socjeta' konvenuta l-konsenji tal-laham u s-socjeta' intimata hallset parti mis-somma dovuta. ... Illi ma` dan jinghad, li ma jirrizultax li s-socjeta' Panam Limited naqset milli tikkonsenja xi merkanzija jew li gew avvanzati xi flejjes lil Panam Limited jew li l-istess Panam Limited misapproprjat flejjes tar-rikorrenti. ... Illi lanqas ma jirrizulta li gew avvanzati xi flejjes lil Paolo Soldi jew li l-istess Paolo Soldi misapproprja flejjes tar-rikorrenti."**

Stabbilit kwindi illi la l-appellanti u lanqas is-socjeta kummercjali gestita minnu ma kienu debituri lejn l-appellat jew is-socjeta minnu gestita u dana kif dceiz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjonijiet hawn fuq iccitati u li ghaddew in gudikat, kwindi l-ammont ta' Lm2500 kif imhallas permezz tac-cekk esebiet in atti, dokument PS1, ma setax jirrapprezenta xi hlas in konnessjoni ma' xi negozju kummercjali intrapriz bejn il-partijiet kif issostni l-Ewwel Qorti.

Illi huwa fatt inkontestat li kien hemm negozju bejn il-partijiet in konnessjoni mal-bejgh ta' dghajsa mill-appellat favur l-appellanti. Illi huwa fatt ukoll inkontestat illi d-dghajsa ghalkemm ghamlet xi xahar fil-pusess tal-attur appellanti, ittiehdet lura fil-pussess tal-appellat. Hemm finalment qbil illi wara li sehh dan il-fatt l-appellat sarraf ic-cekk ta' Lm2500 mghoddi lilu mill-appellanti. Illi gjaldarba allura gie stabbilit illi l-bejgh tad-dghajsa gie rexiss fil-mument illi l-appellat ha lura l-imsemmija dghajsa fil-pussess tieghu, kwindi huwa ma kellux jircevi l-pagament in konnessjoni ma'l-istess u ghalhekk ma kellux isarraf ic-cekk mghoddi lilu mill-appellanti. Dan ifisser illi huwa ircieva hlas indebitament u ghandu jirritornah. Dan immaterjalment jekk l-hlas effettivament kienx sar minn terz billi l-ligi stess tipprevedi tali sitwazzjoni meta fl-artikolu 1148(2) tal-Kodici Civili hemm espressament provdut illi pagament jista' isir minn terz li ikun qieghed jagixxi ghan-nom tad-debitur bhalma  gara fil-kaz odjern. Kwindi l-appellanti ghandu ragun u l-aggravvju tieghu qed jigi milqugh.

Illi l-appellanti qieghed jitlob hlas ukoll fl-ammont ta' €465.88 rapprezentanti spejjez ta' manutenzjoni u hlasijiet ohra li saru lill-Awtorita Marittima inutilment. Illi l-Qorti ezaminat l-atti probatorji, izda imkien ma jirrizulta illi l-appellanti ressaq l-icken prova in konnessjoni ma' dina it-talba. Illi di' piu' ma jirrizulatx illi l-appellanti ressaq xi aggravvju in konnessjoni ma' dina l-pretensjoni tieghu u kwindi il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess talba.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament ghas-somma ta' €5823.43 u dana in linja ma' dak hawn fuq deciz u kwindi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn giet michuda it-talba ghal hlas tas-somma ta' €465.88 tirrevokaha ghal kumplament u tikkundanna lill-appellat ihallas lill-appellanti s-somma ta' €5823.43 bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mit-12 ta' Settembru 2006.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jithallsu in kwantu ghall ¾ mill-appellat, u ¼ mill-appellanti bl-ispejjez ghall-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru 2006 jithallsu mill-appellat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------